Verżjoni 2- 26/09/2023 għar-raħħala

# Linji Gwidi fuq il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali

## Taqsimiet f'dawn il-Linji Gwida:


| | |
|---|---|
| 1 | Il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali huwa obbligatorju ? |
| 2 | X'inhu l-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ? |
| 3 | Għaliex l-istabbilimenti għandhom ikollhom Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ? |
| 4 | Min għandu jipprepara u jkun responsabbli għall-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ? |
| 5 | X'għandu jkun il-qafas tal-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ? |
| 6 | Liema huwa l-mard ewlieni tal-annimali tal-iziezet f' Malta ? |
| 7 | Il-benessri tal-annimali u r-reżistenza għall-antibijotiċi; x'inhi r-rabta bejniethom ? |
| 8 | Fejn nista' nikseb aktar informazzjoni fuq il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ? |
| 9 | Kif nista' ninforma lid-Direttorat għar- Regolazzjoni Veterinarja dwar il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali? |


## 1. Il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali huwa obbligatorju ?

Iva, skond ir-regolament 79(2) ta' L.S 437.47 - Regolamenti dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji mit-23/04/2023 saret obbligatorja għal kull stabbiliment irreġistrat jew illiċenzjat fejn jinżammu annimali li jipproduċu l-ikel jew fejn jinżammu l-annimali għall- wiri lill-pubbliku jew għal skopijiet ta' tnissil li jkollu Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ddisinjat u implimentattaħt ir-responsabbiltà ta' professjonist reġistrat mal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji.

Dan ir-rekwiżit mhuwiex obbligatorju għal- irziezet biss.

Għalkemm il-professjonist jista' ma jkunx Kirurgu Veterinarju, sa issa membri ta' din il-professjoni biss qed ikunu irreġistrati mill-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji. Dan sakemm tinbidel il-liġi. Fil-futur huwa maħsub li professjonisti oħra jkunu rreġistrati mal- Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji.

Kull ħaġa inkluża fil-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali trid tiġi miftiehma

bejn iż-żewġ partijiet, jiġifieri, il- professjonisti u sid l-annimali. Jekk is-sid jidhirlu li għandu jsir xi tibdil fil- programm, dak it-tibdil għandu jssir biss f'diskussjoni u qbil mal-professjonist.

Fatturi li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu implimentati fil-prattika għandhom jiġu diskussi minn qabel il-programm jiġi finalizzat. Wara l-programm jiġi finalizzat kull tibdil fih jkollu jiġi ġustifikat.

Meta l-professjonist iżur il-post fejn jinżammu l-annimali għandu jagħmel minn kollox biex jiżgura li l-programm ikun qed jiġi segwit. Ir-responsabbiltà tal-professjonist għandha tkun reali mhux taparsi. Dan il-punt se jittieħed bis-serjetà mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja.

Jekk jiġu identifikati xi nuqqasijiet jew bżonn ta' titjib, il-professjonist għandu jiddiskuti ma' sid l-annimali.

Fl-aħħar mill-aħħar, kemm il-professjonist kif ukoll is-sid tal-annimali għandhom iġorru responsabbiltà indaqs tal-Programm ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali.Dan hu prinċipju li jingħata ħafna importanza waqt il-kontrolli uffiċjali mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja.

## 2. X'inhu l-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ?

Il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali jiġbor fih dawk id-dukumenti li jindikaw kif sid l-annimali qed iwettaq fil-prattika l-prinċipji tat-trobbija xierqa tal- annimali.

Il-Programm huwa wieħed mill-aħjar modi kif l-annimali jitbiegħdu mill-mard, jiġi mtejjeb il-benessri tagħhom u tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodotti li jiġu mill-annimali.

It-trobbija tal-annimali għandha ssir biss taħt il-kura u l-attenzjoni tal-professjonali f'konformità ma' dak li jgħid il-programm.

Jekk issir xi azzjoni li tmur kontra minn dak li hemm miktub dan għandu jiġi rivedut.

Il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimal għandu jitqies bħala l-politika uffiċjali tal-stabbiliment fejn tidħol it-trobbija tal-annimali. Għandu jkun ċara u faċli biex tirreferi għalih. Għandu jiffaċilita l-konformità mal-ġestjoni tajba tal-annimali u jagħmilha aktar faċli għall-partijiet kollha (inklużi r-regolaturi) biex jindunaw mill-ewwel meta azzjoni tmur kontra dak li hemm miktub fuq il-programm.

Il-prevenzjoni tal-mard hija aħjar mill-kura tiegħu. Jekk dal-prinċipju jiġi segwit jintlaħqu standard għoljin fil-ġestjoni tat-trobbija tal-annimali.

Il-Programm Xieraq ta’ Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali huwa dokument miktuba speċifikament għall-bżonnijiet uniċi ta’ stabbiliment partikolari.

Il-Programm Xieraq ta’ Kontroll tas-Saħħa tal-Annimal għandu jkollu dawn l-elementi:

• Jiddeskrivi l-miżuri preventivi li jistgħu jittieħdu. Miżuri preventivi huma dawk kollha li jipprevenu il-kontaminazzjoni u l-introduzzjoni ta' mard (eż., iġjene jew bijosigurtà) kif ukoll dawk li jissalvagwardjaw is-saħħa tal-annimali f'każ li jiġu f'kuntatt ma' marda (eż. vaċċini).

• Jiddentifika l-problemi sinifikanti kollha tal-pesti u l-mard tal-annimali li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-annimali.

• Jispjega liema trattamenti se jintużaw jekk iseħħu problemi ta' pesti jew mard, minkejja l-prekawzjonijiet meħuda.

• Jidentifika kif sid l-annimal bi ħsiebu jtejjeb is-saħħa ġenerali tal-merħla u jnaqqas l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, partikolarment antibijotiċi.

• Iżomm ir-rekords rilevanti kollha, inkluż irċevuti u fatturi. Għandu jkun possibbli li kull ħaġa li tkun ġiet introdotta fl-istabbilimenti tkun traċċata għal mill-inqas l-aħħar ħames (5)snin lura.

• Jinkludi l-fatturi u l-irċevuti rilevanti kollha, eż., xiri jew provvisti ta’ mediċini u għalf. Dawn għandhom dejjem jinżammu fuq il-post u jintwerew waqt spezzjonijiet uffiċjali.

• Jagħmilha faċli biex jiġu identifikati oqsma fejn huma meħtieġa bidliet. L-importanza tal-onestà fil-valutazzjoni tal-kundizzjoni veterinarja tal-istabbiliment hija essenzjali. In-nuqqasijiet għandhom jiġu identifikati u mhux moħbija.

## 3. Għaliex l-istabbilimenti għandhom ikollhom Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ?

Il-Programm Xieraq ta’ Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali jippermetti lis-sid tal-annimali u lill professjonist biex jivvalutaw il-riskji tal-mard fuq l-istabbiliment u biex jissorveljaw l-inċidenza tal-mard. Dan jgħinhomjużaw din l-informazzjoni biex jagħmlu bidliet fil-ġestjoni jew iwettqu interventi veterinarji.

Jgħinhow ukoll biex jaraw jekk il-miżuri li jkunu qed jittieħdu humiex jaħdmu

Objettiv 1.7.1 tal-Istrateġija u Pjan ta’ Azzjoni nazzjonali għall-Prevenzjoni u l-Konteniment tar-Reżistenza għall-Antibijotiċif’Malta (2020 – 2028) jisħaq kif programmi tas-saħħa tal-annimali għandhom jixierqu għall-iskala tal-attività tal-istabbilimenti. Dan ifisser li jekk l-istabbiliment ikun wieħed ta’ skala relattivament żgħira, m’ għandhux bżonn li jkollu xi

programm kbir u estensiv b' ħafna kumplikazzjonijiet. Aħjar wieħed modest, tajjeb u addattat li jiġi segwit żgur.

Diversi studji madwar l-Ewropa jenfasizzaw kif il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali jtejjeb is-saħħa u l-benesseri tal-annimali filwaqt li jinkoraġġixxi l-użu prudenti tal-mediċini. Taqsima 3.4 tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni tal-UE għall- użu prudenti tal-antibijotiċi (2015/C 299/04) jindika li kuntratti jew arranġamenti bejn sid l-annimal u kirurgu veterinarju jtejjeb l-istat ġenerali tas-saħħa tal-merħla

Fit-Taqsima 4.2.3.7 tal-Opinjoni Xjentifika Konġunta tal-EMA u l-EFSA dwar miżuri biex titnaqqas il-ħtieġa li jintużaw l-antibijotiċifit-trobbija tal-annimali hemm taqsima sħiħa dwar il-programmi ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali.

### 4. Min għandu jipprepara u jkun responsabbli għall-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ?

Il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali għandu jitħejja minn professjonist kwalifikat bil-qbil u l-assistenza ta' sid l-annimali. L-ebda parti ma tista' twaħħal fl-oħra jekk il-programm ma jiġix segwit.

Id-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja se jżomm reġistru tal-professjonisti responsabbli għal kull programm ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali. Id-Direttorat għar- Regolazzjoni Veterinarja għandu jiġi nnotifikat mingħajr dewmien, u mhux aktar tard minn 7 ijiem tax-xogħol, jekk ikun hemm xi tibdil fid-dettalji jew l-identità tal-professjonist responsabbli.

Huwa aċċettabbli li tkun klinika veterinarja li thejji l-programm. Madankollu, il-maniġment tal-klinika veterinarja għandu jiddeċiedi liema isem ta' persuna professjonali għandu jkun provduta lid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja.

Sakemm ma jirriżultax l-ebda kunflitt ta' interess, l-istess professjonist jista' jkun responsabbli għal aktar minn programm wieħed ta' stabbilimenti differenti. Ovjament hemm limitu ta' kemm professjonist jista'jlaħħaq ma' xogħol.

### 5. X'għandu jkun il-qafas tal-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali?

Mhux l-intenzjoni tad-Direttorat tar-Regolament Veterinarju li jiddetta eżatt kif għandu jkun kull programm ta' kull stabbiliment. Kull stabbiliment individwali għandu il-partikolaritajiet uniċi tiegħu. Il-programm għandu jiġi adattat għal dawn.

Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali jista' jikkonsisti f' żewġ paġni biss, u

jkun tajjeb għal ħtiġijiet tal- stabbiliment partikolari. Jista wkoll jikkonsisti f'mijiet ta' paġni u xorta ma jkunx sodisfaċenti, jekk l-iskala tal-istabbiliment tkun waħda estensiva.

Hawn taħt hawn ftit ideat li l-partijiet interessati jistgħu jieħdu biex jippreparaw  Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali:

***A. Introduzzjoni***

- Deskrizzjoni tal-istabbiliment, inkluż il-binja u l-art disponibbli għall-istabbiliment

- Sommarju tar-reġim tar-ragħa (jekk ir-ragħa huwa possibbli), inklużi l-għanijiet tar-ragħa kif ukoll ir-riżultati mistennija (jekk applikabbli, eż., fil-każ ta' mogħoż u nagħaġ).

- L-aspett ambjentali jrid jittieħed ukoll f'perspettiva, eż., x'miżuri qed jittieħdu biex jiġi evitat ir-ragħa żejjed jew kwalunkwe tniġġis għall-ambjent, eż., demel qrib ilmijiet.

***B. Outline tas-Sistema tal-Bhejjem***

- Il-Bhejjem: - Deskrizzjoni tan-numri, l-età u t-tipi tal-istokk. Bhejjem trasferiti jew mislufa. Id-dati kollha rilevanti għandhom jinżammu. Ir-rekords tal-oriġini tal-annimali għandhom jinżammu wkoll.

- L-Art: - Deskrizzjoni dettaljata, inkluż kif il-medda tal-art hija maqsuma w użata.

***C. Akkomodazzjoni għall-annimali (Housing)***

- Deskrizzjoni tal-akkomodazzjoni għall-annimali u kif tintuża.

- Informazzjoni dwar it-tindif, id-diżinfezzjoni u l-manutenzjoni ta' rutina tal-bini u t-tagħmir, u l-użu u r-rimi ta' friex maħmuġin u/jew ikkontaminati.

***D. Għalf u ilma***

- Deskrizzjoni tal-għalf disponibbli mill-art (fejn tali prattika hija possibbli) u deskrizzjoni dettaljata ta' liema minerali u/jew supplimenti tal-għalf jingħataw u taħt liema ċirkostanzi, speċjalment f'kundizzjonijiet ta' emerġenza, eż., nixfa, temperaturi estremi u xita qawwija, inkluż l-possibbiltà ta' għargħar.

- Deskrizzjoni tas-sors tal-ilma mogħti lill-annimali. Istruzzjonijiet dwar kif dan jiġi ċċekkjat kull tant żmien.

- Deskrizzjoni tat-tip differenti ta' għalf li jingħata matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-annimali. Dan għandu jkun iddettaljat kemm jista' jkun u jinkludi wkoll liema miżuri jittieħdu biex tiġi evitata

- l-kontaminazzjoni jew id-deterjorazzjoni, speċjalment jekk ikun manifatturat, jew parzjalment manifatturat fl-istabbiliment.

- Osservazzjonijiet tad-drawwiet ta' l-għalf jew l-imġieba ta' l-annimali li jistgħu jindikaw nuqqasijiet nutrittivi jew għalf mhux adattat. Ta min ukoll li sid l-annimal iżomm noti datati tal-osservazzjoni tiegħu.

### *E. Żamma tar-rekords*

Ir-rekords li għandhom ikunu parti integrali mal-Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali.

Il-programm għandu jinkludi dawn ir-rekords li ġejjin:

- Reġistri tal-qatgħa/merħla, it-tikketta/numru tal-lott u l-oriġini (dokumenti rilevanti għandhom jinżammu)

- Dokumenti ta' identifikazzjoni tal-annimali (magħrufa bħala passaporti)

- Ktieb tal-moviment (l-annimali għandhom jiġu traċċati kemm jista’ jkun żmien lura)

- Testijiet tad-demm

- Skedi tat-tilqim

- Skedi ta’ meta l-annimali jiġu mitmugħa

- Rekords tat-tindif/diżinfezzjoni (iffirmati minn min inaddaf u kontrofirmati mis-superviżur)

- Informazzjoni rilevanti dwar is-saħħa tal-annimal, inkluża kwalunkwe kundizzjoni eżistenti minn qabel jew trattamenti preċedenti li jistgħu jkollhom impatt fuq it-trattament attwali.

- Skeda għall-kontroll tal-pesti

- Reġistru tat-trattament (magħruf komunement bħala l-herdbook) data tat-trattament, isem/qawwa/dożaġġ/forma farmaċewtika/frekwenza u tul ta' trattament jinkludi amministrazzjoni ta' mediċini taħt il-kaskata, profilassi, metafilassi, vaċċini u amministrazzjoni ta' rutina, eż. , prattiki ta' deworming jew tneħħija ta' dud)

- Reġistri ta' trattament ta' kontroll alternattiv, anki jekk strettament il-prodotti użati għat-trattament mhumiex klassifikati bħala prodotti mediċinali veterinarji

- Żjarat ta' kirurgi veterinarji (sejħiet ta' rutina jew xi emerġenza ). Dan għandu jinkludi raġuni għaż-żjara u riżultat. Id-dati u l-ismijiet għandhom ikunu ċari ħafna. Id-dettalji tal-persuni għandhom jinżammu aġġornati.

- Kopji ta' riċetti veterinarji

- Kopji tar-riżultati dijanjostiċi

- Kwalunkwe ċertifikat rilevanti, eż., dawk li jiċċertifikaw li annimali introdotti ġodda huma ħielsa minn ċertu mard

- Il-fatturi u l-irċevuti rilevanti kollha (eż., xiri ta' mediċini u għalf)

- Rapporti ta' spezzjoni u follow-ups mid- Direttorat tar-Regolament Veterinarju

Ir-rekords kollha għandhom ġeneralment jinżammu għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames (5) snin u jkunu disponibbli għall-ispezzjoni.

## *F. Taħriġ*

- Summarju tal-esperjenza tan-nies li jaħdmu fl-istabbiliment. Pjanijiet ta' taħriġ għall-futur.

- Il-materjal tat-taħriġ u r-rekords (eż., id-dati meta t-taħriġ ingħata, min tah u min irċievih)

- Ir-rekords tat-taħriġ m' hemmx għalfejn jinkludi ċertifikati. Għandu jkun biżżejjed rekord li jindika d-data tat-taħriġ, l-isem tat-trejner u l-apprendist, is-suġġett tat-taħriġ u d-data mistennija tat-taħriġ li jmiss.

- Għandhom jinżammu rekords tat-taħriġ estern li għalih attenda min iżomm l-annimali, u anke l-professjonist. Dawn jinkludu kwalunkwe sessjoni ta' taħriġ organizzata mid- Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja.

## *G. Proċeduri tan-nar u ta' emerġenza*

- Spjegazjoni fuq il-prekawzjonijiet biex jiġu evitati nirien aċċidentali. Il-pjanijiet ta' azzjoni għall-emerġenzi għandhom jiġi deskritt fid-dettall, eż., nirien fl- akkomodazzjoni tal-annimali

- Għandu jitfassal pjan ta' evakwazzjoni ta' malajr li jkun viżibbli fiż-żoni rilevanti kollha. Kopja ta' dan għandha tinżamm fil-Programm ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali.

- t-tagħmir għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza għandu jinżamm f'kundizzjoni li jaħdem u d-dokumenti tiegħu għandhom jinżammu fil-Programmi ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali.

### *H. Status tas-saħħa u benesseri tal-annimali*

Il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimal għandu jkun fih deskrizzjoni tar-reġim ġenerali li jiġi segwit fir-rigward tal-istat tas-saħħa u l-benessri tal-annimali. Dawn id-deskrizzjonijiet jistgħu jinkludu, iżda mhux limitati, għal dawn li ġejjin:

• Informazzjoni dettaljata dwar ir-reġim tat-tnissil, inkluż it-tnissil selettiv

• Il-monitoraġġ u l-ġbir tad-dejta dwar il-mard tal-annimali biex jiġu identifikati t-tifqigħat u jiġu segwiti x-xejriet tal-mard

• Tbassir tal-livell tal-mard għat-12-il xahar li ġejjin

• Deskrizzjoni tat-trattamenti kliniċi li ntużaw biex jittrattaw problemi speċifiċi fil-passat u l-effettività tagħhom. Dan jgħin fl-ippjanar għal azzjoni iżjed il-quddiem

• Deskrizzjoni tar-raġuni wara ż-żjarat ta' rutina ppjanati tal-kirurgu veterinarju u/jew professjonist responsabbli għall-programm ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali

• Strateġiji ta' ġestjoni għall-prattiki tat-trobbija. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq iċ-ċikli speċifiċi tal-ħajja tal-annimali u l-fatturi tal-epidemjoloġija tal-mard

• Parir tal-kirurgu veterinarju dwar l-introduzzjoni ta' annimali ġodda fl-istabbiliment.

• Deskrizzjoni ta' trattamenti ta' qabel il-moviment, eż., de-wormering, trattament tal-iskab tan-nagħaġ/mogħoż

### *I. Bijosigurtà*

Il-bijosigurtà hija l-prevenzjoni li jidħlu jew joħorġu mikrobi minn kwalunkwe post fejn ikunu preżenti l-annimali. Il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimal m'għandux biss jiddeskrivi fil-qosor il-miżuri li jittieħdu għall-implimentazzjoni ta' livell tajjeb ta' bijosigurtà iżda jrid ukoll jidħol fid-dettall dwar l-aspetti kollha.

Xi wħud minn dawn l-aspetti importanti li għandhom jiġu deskritti fil-programm jinkludu dan li ġejjin:

- Ġestjoni tal-viżitaturi tal-istabbiliment (vetturi u nies)
- Diżinfettanti u l-mod ta' kif dawn jiġu applikati fuq iż-żoni u l-materjali

- Deskrizzjoni ta’ rotot ta’ aċċess u żoni ta’ parkeġġ
- Immaniġġjar taż-żoni tal-ħażna tal-materjali kollha (inklużi mediċini u għalf) biex jinżammu nodfa, ħielsa mill-imbarazz u mhux ikkontaminati
- Is-siringi m'għandhomx jinqasmu bejn l-annimali
- L-implimentazzjoni ta' pjan ta' kontroll tal-pesti
- Rimi kif suppost ta' annimali mejta
- Il-ħasil ta’ ċraret u lbies kif suppost
- Miżuri preventivi biex jiġi evitat kuntatt ta' annimali ma' demel likwidu mxerred frisk. Iridu jgħaddu mill-inqas 6 ġimgħat qabel kuntatt jista’ isir bla periklu
- Irid ikun hemm politika ċara għas-sostituzzjoni tal-annimali. L-introduzzjoni ta' annimali ġodda dejjem tista' toħloq riskju
- Importanza ta' tindif u diżinfezzjoni regolari
- Deskrizzjoni tat-tagħmir tal-għalf/xorb, silos jew kull ħaġa li tiġi f'kuntatt mal-għalf jew mal-ilma, u kif dawn jinżammu nodfa u mhux ikkontaminati
- Deskrizzjoni u numru tal-liċenzja tal-vetturi użati għat-trasport u kif dawn jinżammu nodfa u mhux ikkontaminati
- Faċilitajiet għall-kwarantina tal-annimali (wasliet ġodda , annimali suspettati li huma morda)
- Miżuri meħuda għall-ilqugħ tal-ilma u l-evitar ta’ ilma staġnat
- Miżuri meħuda għall-ilqugħ biex l-annimali ma jitħalltux ma’ annimali fi stabbilimenti oħra
- Ħażna xierqa ta' mediċini u għalf. Huwa importanti wkoll li dawn jinħażnu f'temperatura xierqa, dawl tax-xemx mhux dirett u livelli baxxi ta' umdità. Xi mediċini għandhom jinżammu taħt kundizzjonijiet ta’ temperatura kkontrollata, eż., friġġ
- Huwa importanti li l-ħażna ssir b' tali mod li jiġu evitati t-taħlit

- Prekawzjonijiet li jittieħdu biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni, b'mod partikolari tal-għalf u l-ilma

6. **Liema huwa l-mard  ewlieni tal-annimali tal-iziezet f'Malta?**

Din l-informazzjoni nkisbet mid-data u l-esperjenza tal-veterinarji uffiċjali tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja. Il-Programm Xieraq ta’ Kontroll tas-Saħħa tal-Annimal għandujagħmel enfasi speċjali fuq l-aħjar modi biex jiġi evitat dan il-mard peress li l-inċidenza tiegħu tista’ titnaqqas jekk sid l-annimal iżomm mad-direzzjonijiet mogħtija fil-programm.

**Baqar:**

• Dijarea tal-għoġol

• Pnewmonja tal-għoġol

• Plaċenta miżmuma u endometrite

• Mastite (speċjalment il-baqar tal-ħalib)

• Zoppa (taħsir tas-saqajn, dermatite diġitali, linja bajda, ulċeri tal-qiegħ)

**Mogħoz u nagħaġ:**

• Dijarea tal-għoġol

• Pnewmonja tal-għoġol

• Plaċenta miżmuma u endometrite

• Mastite

• Zoppa (taħsir tas-saqajn, digidermatite, linja bajda, ulċeri tal-qiegħ)

**Ħnieżer:**

• Infezzjoni minn Streptococcus suis

• Infezzjonijiet vaġinali/vulvari ta' wara t-twelid fil-majjali nisa

• Mastite (E Coli / Salmonella)

- Marda tal-ħnieżer żejtni (Staphylococcus hyicus)
- Ħżieża (Trichophyton/Microsporum spp.)
- Mange (Sarcoptes scabiei)
- Fly strike (Djir tad-dar / fly stabbli)
- Parassiti Interni
- Koċċidjożi (Coccidia varji)

**Tjur:**

- mard respiratorju
- mard gastrointestinali
- dermatite tas-sieq
- tnaqqir li jagħmel ħsara
- infezzjoni fungali

**Fniek:**

- feriti fil-ġilda
- infezzjonijiet tal-widnejn
- mastite
- infezzjonijiet tal-feriti
- respiratorja
- mard emorraġiku

## 7. Il-benessri tal-annimali u r-reżistenza għall-antibijotiċi, x'inhi r-rabta bejniethom?

Il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali jiżgura standards ogħla ta' benessri tal-annimali u jnaqqas id-dipendenza fuq l-antibijotiċi. Dan inaqqas ir-rata ta' żvilupp tar-reżistenza għal antimikrobiċi.

Ir-reżistenza għall- antibijotiċitiġri meta l-annimali jdumu iżjed biex ifiqu minn infezzjonijiet minkejja l-użu tal-antibijotiċi, jew addiritura jispiċċaw ma jfiqu xejn.

Il-trattament xieraq tal-annimali huwa msejjes fuq il-prinċipju li l-annimali għandhom valur fundamentali fid-dinja u għandhom jiġu ttrattati b'rispett, dinjità u kompassjoni. L-annimali jistgħu jħossu tbatija, uġigħ, pjaċir u ferħ. L-għan tal-miżuri għat-trattament xieraq tal-annimali huwa li jimminimizza kwalunkwe ħsara jew tbatija bla bżonn li dawn jistgħu isofru minħabba l-bniedem.

Użu żejjed tal-antibijotiċi fl- annimali f'sistemi ta' trobbija intensiva għandu implikazzjonijiet negattivi meta dawn jintużaw biex jagħmlu tajjeb għal kundizzjonijiet ħżiena ta' għajxien, iffullar, u prattiċi ħżiena ta' iġjene. Dipendenza żejda fuq l-antibijotiċi taħbi l-problemi billi trażżan temporanjament l-infezzjonijiet. Miżuri għat-trattament xieraq permezz ta' akkomodazzjoni tajba u komda, prattiċi tajba ta' ġestjoni ta' iziezet u miżuri preventivi jgħinu biex titnaqqas il-ħtieġa tal-antibijotiċi.

Meta l-annimali jiġu infettati b'batterji reżistenti din twassal għal tbatija fit-tul, żieda ta' mard aktar qalil, uġigħ fl-annimal u rati ikbar ta' imwiet minħabba li l-infezzjonijiet li ma jkunux jistgħu jiġu kkurati jew diffiċli biex jiġu kkurati. L-infezzjonijiet kapaċi jieħu fit-tul u jkollhom effetti ħżiena permaneti, e.z. diżabilitajiet.

Meta l-aspett tat-trattament xieraq tal-annimali jiġi ikkonsidrat jitlaqtu żewġ għasafar b' ġebla waħda. Jiġi rrispettat il-principlu li l-animali jixirqilhom ħajja xierqa b'rispett, dinjità u kompassjoni; kif ukoll jitnaqqas ir-riskju tar-reżistenza għall-antibijotiċi.

8. **Fejn nista' nikseb aktar informazzjoni fuq il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali ?**

Għal aktar informazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jikkuntattjaw lid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja bil-modi li ġejjin f'ordni ta' preferenza:

**E-mail:** veterinaryregulation.mafa@gov.mt

**Tel:** Animal Health Unit Tel: +356 22925197 / +356 22925301

**Address**:

Animal Health Unit
Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja
Dipartiment tas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali
Triq il-Biċċerija, Albertown Marsa 1123 Malta

9. **Kif nista' ninforma lid-Direttorat għar- Regolazzjoni Veterinarja dwar il-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali?**

Dawk li jżommu l-annimali huma mistennija jipprovdu bil-miktub id-dettalji tal-persuna professjonali responsabbli mill-Programm tas-Saħħa tal-Annimali lid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja. Id-dettalji tal-persuna professjonali għandhom jinkludu dan li ġej:

• Isem u kunjom:
• In-numru tal-professjoni u tal-warrant (jekk applikabbli):
• Data meta Professjonali kien ingaġġat uffiċjalment:
• Dettalji ta' kuntatt tal-Professjonali (numru tal-mowbajl u/jew linja fissa u indirizz elettroniku)
• Dettalji tal-istabbiliment (isem, numru (jekk applikabbli), indirizz, isem is-sid) li għandu x'jaqsam mal-Programm

Id-dettalji jistgħu jintbagħtu bil-posta fl-indirizz ta' hawn fuq jew bl-e-mail Veterinaryregulation.mafa@gov.mt